

# L-Imsida muwaqqfa Parroċċa

Fit-12 ta' Marzu 1867 l-Isqof Fra Gaetano Pace Forno OSA ħareġ l-editt biex jinqara fil-knejjes kollha ta' Malta, kif isir f'okkażjonijiet bħal dawn, biex fih iħabbar it-twaqqif tal-parroċċa l-ġdida ta' l-Imsida. F'dan l-editt insibu d-dettalji kollha. L-Isqof mexa skond il-liġijiet kanoniċi u meta ra l-popolazzjoni tikber u 'l bogħod għall-knisja parrokkjali jinħass iżjed minn qabel, talab lis-Santa Sede biex bl-ogħla awtorità tagħha tifred lill-Imsida mill-parroċċa ta' B'Kara, tagħmilha parroċċa ġdida u tgħaqqad magħha lill-Pietà billi tifridha mill-Furjana. Il-Q.T. l-Papa Piju IX (1846 - 1878), laqa' t-talba ta' l-Isqof ta' Malta u bl-ittri Apostoliċi tat-13 ta' Novembru 1866 awtorizza l-qtugħ u twaqqif ta' din il-parroċċa ġdida u ħatar bħala l-ewwel kappillan tagħha lis-saċerdot Dun Salv Caruana li kien il-Viċi Parroku ta' l-istess Imsida.

Fit-28 ta' Frar 1867 l-Isqof ordna li ssir il-pjanta li turi l-limiti tal-parroċċa l-ġdida. Din tlesiet fil-15 ta' Marzu ffirmata mill-perit s-Sur Francesco Pace.

Nhar is-Sibt 2 ta' Marzu, il-Vigarju Ġenerali Mons Dr Vincenzo Paolo Galea qara fl-Imsida s-sentenza esekutorjali għall-ħatra tal-parroċċa u l-ġurnata ta' wara ta l-pussess lill-imsemmi kappillan. Hawn jidher ċar li d-data tal-parroċċa hija dik tat-**2 ta' Marzu 1867** filwaqt li l-pussess tal-kappillan sar fit-**3 ta' Marzu 1867**, kontra dak li l-istess kappillan kiteb li hu sar kappillan fit-2 ta' Marzu, bħala l-ġurnata tan-nomina. Kien hemm oħrajn li waqgħu f'dan l-istess żball.

L-1867 kienet sena kerha għal Malta għax sa l-aħħar tax-xahar t'Ottubru, l-epidemja tal-kolera reġgħet qatlet kwantita ta' nies. F'Novembru l-Isqof ordna talb ta' radd il-ħajr għall-ħelsien ta' din il-marda kiefra. B'danakollu fil-purċissjoni votiva ta' San Girgor li kienet titlaq mill-Katidral ta' l-Imdina sal-knisja ta' San Girgor fiż-Żejtun, il-parroċċa ta' l-Imsida għall-ewwel darba, fl-24 t'April 1867 imxiet quddiem nett b'sodisfazzjon għall-poplu kbir li dak iż-żmien kien jattendi għal din il-wegħda antikissima.



**(mill-Ktieb ta' Fr. Joe Calleja - 'L-Imsida il-Bieraħ u llum' paġni 45-7)**